MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 806/1992/1

**Joseph C. Agius**

**Vs**

**Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa impjegat fil-kariga ta' Executive Officer mal—Korporazzjoni konvenuta li, matul l-1989, kienet harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal hatriet fil-gradi kollha;

Premess illi bis-sahha ta’ cirkolari numru 41/89, l-istess Korporazzjoni konvenuta kienet ghamlet sejha sabiex, sa Ottubru, 1989, tilqa’ applikazzjonijiet ghall-kariga ta’ Administrative Assistant, ghal liema kariga u taht il-kondizzjonijiet ta’ liema cirkolari l-attur kien ressaq l-applikazzjoni tempestiva tieghu;

Premess illi ghalkemm l-attur kellu l-ahjar kwalifiki minn fost bosta milli applikaw ghall-istess kariga, inkluzi kwalifiki rigwardanti l-mertu, il-kwalifiki akkademici, hila ghax-xoghol, esperjenza u anzjanita`, baqa’ ma nghatax il-promozzjoni spettanti lilu, liema promozzjoni, minflok, inghatat lil impjeqati ohrajn tal-Korporazzjoni li fil-konfront taghhom l-attur ghandu hila u kwalifiki oghla, jew lil xi impjegati ohrajn li sahansitra ma kienux eligibbli ghal dik il-kariga, kollox kif ghandu jigi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

Premess illi l-hila ta’ l-attur fit-twettiq tax-xoghol tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta ma kienet qatt dubitata u ma kien hemm qatt xejn kontrih li jindika li ma kienx igawdi l-fiducja ta’ l-istess Korporazzjoni;

Premess illi fl-ghazla ta’ l-applikazzjonijiet ghall-promozzjonijiet, il-Korporazzjoni konvenuta hija marbuta li tosserva disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-kondizzjonijiet ta’ l-impieg tal-haddiema taghha; fost liema dispozizzjonijiet hija obbligata taghti tali promozzjonijiet skond il-htigijiet ta’ l-impieg, il-meritu, kwalifiki, l-attitudni, l-esperjenza u l-anzjanita` ta’ dawk li jkunu qeghdin jigu kunsidrati ghall-promozzjoni partikolari jew il-mili ta’ postijiet battala;

Premess illi ghalhekk il-Korporazzjoni konvenuta, minkejja kull rakkomandazzjoni ohra ghar-rigward, ghadha tippersisti fl-agir taghha diskriminatorju u illegali fil-konfront ta’ l-attur, u dan bi ksur tal-Ftehim Kollettiv applikabbli, u bi pregudizzju, tbatija u danni li minhabba f’hekk l-istess attur qed igarrab;

Premess illi minkejja li l-Korporazzjoni konvenuta giet interpellata permezz ta' protest gudizzjarju f'Ottubru, 1991, biex tieqaf mill-agir taghha fil-konfront ta' l-attur, taghtih il-promozzjoni lilu misthoqqa u taghmel tajjeb ghad-danni sofferti u li ghad jistghu jigu arrekati lilu, din baqghet inadempjenti;

Prevja d-dikjarazzjoni li l-Korporazzjoni konvenuta kisret il-Ftehim Kollettiv u l-obbligi minnha assunti fil-konfront ta' l-attur, talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill konvenut *nomine* sabiex jaghti lill-istess attur il-promozzjoni fil-kariga ta' Administrative Assistant, li ghaliha applika, u dana b'effett minn data li tigi stabilita mill-istess Qorti;

2. Tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit minnha mahtur, id-danni mgarrbin mill-attur billi ma nghatax il-promozzjoni lilu spettanti;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-21 t'Ottubru, 1991, u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepicca:-

Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni rrapprezentata mill-konvenut *nomine* imxiet skond il-Ftehim Kollettiv u skond ftehim iehor rigwardanti l-process ta' promozzjoni li sehh fl-1989, kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kaz;

Illi l-ghazliet li ghamlet il-Korporazzjoni Telemalta kienu oggettivi u skond kriterji gusti u ghalhekk l-ezercizzju da parti tal-Korporazzjoni tal-funzjoni ta' tmexxija ma ghandux jitqies bhala kagun ta' hsara ghal min ma ntghazilx;

Illi, fil-kaz partikolari ta' l-attur, huwa kkontestat illi dan kellu merti li in forza ta' l-istess kellu jigi promoss, u dan skond il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni li kienet giet stabbilita bi qbil mar-rapprezentanti tal-haddiema, cioe` l-General Workers' Union;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine*, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Philip Manduca bhala espert gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmi espert li jinsab a fol. 83 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fl-Udjenza tat-12 ta' Dicembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Il-kawza attrici hi diretta lejn l-otteniment ta' promozzjoni f'kariga partikulari mal-korporazzjoni konvenuta u dan wara li gie mill-attur – impjegat premess illi din ma mxietx mad-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv u mar-rakkomandazzjonijiet ohra li sarulha. Oltre dan l-attur talab ir-rizarciment ghat-telf subit bil-fatt li din il-

promozzjoni ma gietx moghtija lilu. Il-konvenut *nomine* jinnega dan u jsostni li l-Korporazzjoni mxiet b'mod oggettiv u skond kriterji gusti u konformement mal-Ftehim Kollettiv;

Huwa pacifiku illi "ftehim kollettiv ghandu bhala oggett li jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol ta' l-impjegati" u li inoltre ftehim bhal dan "jippresupponi dejjem li almenu meta jigi ffirmat, dan ikun maghmul f'isem il-maggoranza (hamsin fil-mija u wiehed) ta' l-impjegati". Ghalhekk ukoll hu meqjus bhala kuntratt, u allura "ghandu jigi rispettat u osservat fit-termini tieghu kif jesprimu l-volonta` taz-zewg kontraenti ..." – "**Angelo Fenech *nomine* –vs- Joseph N. Tabone *nomine***", Appell Civili, 13 ta' Marzu 1995;

Stranament fil-kaz *de quo* ma tinstab l-ebda kopja fil-process tal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk taht dan l-aspett qajla taghmel sens l-osservazzjoni illi l-kriterji addottati mill-Board of Interviews tal-korporazzjoni konvenuta kienu jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv. Kien ikun aktar logiku, fl-assenza ta' dan id-dokument baziku, illi gie ritenut illi l-attur naqas li jgib l-ahjar prova f'dan il-kuntest, u li facilment seta' jipproduci;

Fic-cirkostanzi ghalhekk ma tistax tinghata affermazzjoni lill-allegazzjoni illi f'dan il-kaz il-korporazzjoni konvenuta ma mxietx mad-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv. Il-kwistjoni ghalhekk tehtieg li tigi rizolta minn provi ohra li tressqu, orali jew dokumentali;

Ta' importanza huma l-veduti espressi mill-membri tal-Appeals Commission fir-rigward tal-'promotion exercise' kondott fl-1989/1990. Mir-rapport minnhom imhejji dawn jistghu jigu hekk senjalati:-

i. "*The Commission ... has remained unconvinced of the criteria adopted by the Boards in the allocation of the various wieghtings*";

ii. "*The Commission could not help noticing an alarming inconsistency in the award of marks*" tant li

inghad, wara ezemplifikazzjonijiet in referenza ghal din il-kostatazzjoni, illi "*The Commission found itself unable to follow the logic and criteria adopted by the said Boards in the award of marks.*";

iii. B'konvinzjoni l-istess Kummissjoni rrimarkat illi "*a number of candidates were under-marked with regard to job-related qualifications, including academic qualifications and, even more so, with regard to years of service and experience ...*";

iv. In vista ta' dan il-Kummissjoni rrakkomandat azzjoni rimedjali permezz ta' "*Administrative re-assessment*" skond kriterji mill-istess kummissjoni suggeriti;

Mid-dokumenti l-ohra esebiti, senjatament Insert G u Insert J, jirrizulta illi mir-re-assessment exercise kondott, u hekk bazat fuq il-linji traccjati mill-Commission, l-attur ma kienx jimmerita li jikkwalifika ghall-promozzjoni u in effetti gie ravvizat illi dan kien inghata mis-Selection Board marki oghla minn dak li kien hekk jimmeritah;

Evalwata ghalhekk il-materja fuq il-bazi ewlenija ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-attur ma kienx jikkwalifika ghal kariga ta' Administrative Assistant kif minnu hekk pretiz. Dan pero` ma huwiex bizzejjed biex twarrab fil-genb il-pretensjonijiet ta' l-attur, in kwantu l-attur ippremetta wkoll li fil-konfront tieghu l-korporazzjoni konvenuta agixxiet b'agir "diskriminatorju u illegali";

Ghalkemm si trattava minn fattispecje alkwantu distinti minn dawk tal-kaz *de quo* l-Qorti Kostituzzjonali kienet hekk irrimarkat fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Azzopardi –vs- Maltacom p.l.c.**", 11 ta' Awissu 2000:

"Issa fil-kaz taht ezami din il-Qorti ma tirravvizax xi dritt fil-ligi ordinarja ghall-promozzjoni li ghaliha r-rikorrenti appellata kienet qed tambixxi. Kellha forsi d-dritt li tistenna li tinghata din il-promozzjoni imma fl-ahhar mill-ahhar jibqa' fid-diskrezzjoni ta' min ihaddem jekk il-promozzjoni tinghatax jew le jew jekk kienx hemm xi

cirkostanzi li kienu jimmilitaw negattivament kontra taghha fl-ghoti ta' dik il-promozzjoni."

Din l-istess sentenza pero' ziedet tosserva illi "f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti setghet biss tikkontesta l-ezercizzju diskrezzjonali ta' min ihaddimha jekk tallega u tipprova illi dan kien agixxa b'mod skorrett, abbuziv u illegali", dak li in effetti qed jittanta jaghmel l-attur odjern;

Tajjeb li jigi sottolinejat ghal precizazzjoni guridika illi materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Kif postulat fid-decizjoni in re "**Teddy Rapa –vs- c-Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et**", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2000; "Jekk l-organi l-ohra ikunu, skond il-ligi, jistghu jipprovdu rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, tal-jedd fundamentali, kien dak ir-rimedju li kellu fl-ewwel lok jigi mfittex u dan qabel kull rikors quddiem l-organi gudizzjarji ta' kompetenza kostituzzjonali". Huwa proprju dan ir-rimedju l-iehor li l-attur qed jipprova jfittex quddiem l-organu gudizzjarju ordinarju;

Dan stabbilit u ipprecizat irid jigi issa ezaminat jekk il-pregudizzjali sollevata mill-attur dwar diskriminazzjoni u illegalita`, leziva tad-drittijiet tieghu, timmeritax li tkun akkolta b'success jew le;

Biex jissostanzja l-allegazzjoni centrali tieghu li hu gie ittrattat b'mod diskriminatorju mill-korporazzjoni konvenuta l-attur jinsisti illi:

(a) hu kellu kwalifiki ahjar ghal dawk ta' applikanti ohra;
(b) kellu ukoll hila ghax-xoghol, esperjenza u anzjanita` superjuri ghall-impjegati ohrajn;
(c) li certu impjegat gie promoss meta lanqas biss kien elegibbli;
(d) fuq kollox, li uhud minn dawn l-impjegati l-ohrajn inghataw aktar marki minnu ghall-esperjenza u snin ta' servizz;

In succint ghalhekk l-attur jargumenta illi hu gie trattat differentement minn impjegati jew applikanti ohra;

Issa l-ezami ta' l-aspetti tal-kwistjoni ghandu jigi segwit mill-konsiderazzjoni tal-problematika li dawn l-aspetti kkrejaw u incidew fuq l-ilment ta' l-attur li hu kellu, (u, fil-fatt, hekk qed jippretendi) jircievi l-istess trattament vantaggjuz u privileggjat kif ircevew impjegati ohra tal-korporazzjoni konvenuta li applikaw ghal kariga mill-istess korporazzjoni imnedija;

Indubbjament l-attur ma jistax jilmenta mill-fatt illi ma nghatax il-possibilita` li jappella mid-decizjoni tal-Bord Selettiv u fejn allura kellu kull opportunita` illi jipprova li kien jisthoqqlu marki aktar gholja. Dak li effettivament qed jilmenta minnu huwa l-fatt illi hu gie maqbuz fil-promozzjoni li kienet timmeritah u fuq kollox li l-punt tad-diskriminazzjoni minnu mqanqal hu fondat fuq is-sottostrat ta' fatti pruvati;

Issa fil-fehma ta' dina l-Qorti u konsiderata '*ut sic*' l-allegazzjoni li hu kellu kwalifiki ahjar minn ta' ohrajn, maghzula jew le, ma gietx sufficcjentement sostanzjata ghal pjena sodisfazzjoni tal-Qorti. Din il-fehma hi sostenuta oggettivament mill-konkluzzjonijiet tal-kumitat li ghamel ir-*re-assessment*;

Ghal kuntrarju dak dedott mill-attur bhala movent ghad-diskriminazzjoni giet pruvata u l-attur wera li in relazzjoni ma' applikanti jew impjegati ohra, abbinat ma' fatti konkreti, saret differenzjazzjoni mhux gustifikata bejnu u dawk l-applikanti minnu specifikati. Hekk ad exemplum irrefera ghal kaz ta'l-impjegat John Stancich li kif ritenut mill-attur dan lanqas biss ma kien elegibbli. Din l-allegazzjoni ma gietx kombattuta, kif kien ragjonevolment mistenni li jsir, u lanqas minimament negata;

Issa huwa minnu illi in forza tal-principju tad-Dritt Ruman il-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah – *incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat*. B'danakollu spiss jigri wkoll li waqt l-andament tal-kawza l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra. Dan jigri

meta jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta’ l-attur hi sostenuta (**Vol. XXXVII P I p 577; P II p 741**). Fil-kaz tax-xorta hawn diskussa, il-Qorti thoss li kien allura jinkombi fuq il-korporazzjoni konvenuta illi tinnewtralizza dak sostenut mill-attur illi hi ma iddiskriminatx mieghu bi trattament preferenzjali mal-persuni imsemmija minnu. Hi proprju din id-differenzazzjoni u trattament preferenzjali inspjegabbli li joholqu d-diskriminazzjoni u tirrendi l-ezercizzju, anke dak diskrezzjonali, skorrett u abbuziv. Huwa forsi din l-osservazzjoni li sfuggiet lill-perit legali jew ma gietx esposta sufficjentement minnu;

Jirrizulta illi fl-1993 l-attur gie promoss ghal grad ta’ safety officer li, fi kliemu, hu “grad ghola mill-grad ta’ Administrative Assistant li dwarha ipprezentajt il-kawza” (Seduta, 15 ta’ Frar 1994). Fic-cirkostanzi, subentrat dan il-fatt, l-ewwel talba attrici giet reza superfluwa. Ciononostante l-attur jimmerita li jigi rizarcit ghat-telf subit u ser tipprovdi f’dan ir-rigward, billi taddotta l-konkluzjonijiet peritali.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-Ewwel Talba u dan ghal motiv fuq dedott;

Tilqa’ t-Tieni u t-Tielet Domandi billi tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf, hames mija u disgha u sittin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm1569.14,0) u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur